# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### ROBERT G. MANGION

### ILLUM, 25 TA' FRAR 2021

**Kawza Numru: 9**

**Rik. Ġur. 309/2014 RGM**

**Officine Bertazzon S.p.A. (R.E.A. No. 104407)**

**vs.**

**Vassallo Builders Limited**
**(C20882)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Officine Bertazzon S,p.A.** ippreżentat fil-11 t'April, 2014 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Peress illi s-socjeta` rikorrenti taghmel *inter alia* xoghol ta' manifattura ta' metallurgija u kostruzzjoni ta' strutturi tal-hadid kif ukoll tforni materjal uzat f'din it-tip ta' kostruzzjoni.

2. Peress illi s-socjeta` intimata kienet ikkontrattat lis-socjeta` rikorrenti sabiex din ta' l-ahhar tezegwixxi xi xogholijiet fuq appalt li kienet qeghda tahdem fuqu l-istess socjeta` intimata fil-Ggantija Heritage Park gewwa Ghawdex, kif jidher mill-annessa kopja tal-letter of intent iffirmata bejn il-partijiet immarkata **Dok OB1,** liema dokument jispecifika ukoll il-metodu, zminijiet u ammonti pagabbli mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti ghax-xogholijiet sub appaltati.

3. Peress illi s-socjeta` rikorrenti kienet ezegwiet ix-xogholijiet lilha sub-appaltati konsistenti primarjament fix-xogholijiet elenkati fid-dokument anness u mmarkat **Dok OB2,** inkluz il-kostruzzjoni ta' numru ta' passaggi, bibien u *external cladding,* kif ukoll numru ta' xogholijiet mizjuda u maqbula bejn il-partijiet sussegwentement.

4. Peress illi dan ix-xoghol beda jigi ezegwit fit-13 ta' Marzu 2013 u tlesta lejn l-ahhar t'Awwissu 2013 u gie ezegwit skont l-arti u s-sengha, biss is-socjeta` intimata ma zammitx mal-ftehim dwar il-pagamenti u mis-somma miftehma ta' tliet mija u wiehed u erbghin elf, sitt mija u hdax -il ewro u sitta u tletin centezmu (€341,611.36) fadal bilanc pendenti ammontanti ghal hamsa u erbghin elf, sitt mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€45,694.95), oltre r-*retention fee* dovuta mat-tlestija tax-xogholijiet kollha sub-appaltati ammontanti ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€28,828.54).

5. Peress li s-socjeta` intimata, interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont pendenti, baqghet inadempjenti, anke wara l-intavolar ta' ittra ufficjali numerata 640/14, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata **Dok OB3.**

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf, sitt mija u erbgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€45,694.95), oltre imghax legali minn Awwissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv u spejjez legali;

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata ghall-hlas tal-ammont imsemmi ta' €45,694.95 oltre imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u spejjez legali;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni, inkluzi dawk tal-proceduri odjerni, tal-ittra ufficjali numru 640/14 tat-28 ta' Frar, 2014 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att.

Rat ir-**risposta ġuramentata tas-soċjetà Vassallo Builders Limited** ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 2014 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament ir-Rikors Guramentat *de quo* huwa irritu u null stante li s-socjeta` attrici, li hija assenti minn dawn il-Gzejjer, ma setghetx tagixxi direttament f'isimha, izda kellha tagixxi tramite mandatarju prezenti f'Malta;

2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

a. Parti mill-ammont mitlub jirrigwarda *retention amounts* li ghadhom ma sarux dovuti lis-socjeta` attrici;

b. L-ammonti mitluba relattivament ghal *brackets for downpipes* huma addizzjonali ghal dak miftiehem bejn il-partijiet u konsegwentement mhux dovuti;

c. L-ammonti mitluba relattivament ghal *cladding* ghadhom ma gewx certifikati mill-kommittent tax-xogholijiet u konsegwentement mhux dovuti;

d. L-ammonti mitluba relattivament ghal *steel plates* qatt ma gew sostanzjati mis-socjeta` attrici minkejja li din giet ripetutament interpellata sabiex taghmel hekk.

e. Parti ohra mill-ammonti mitluba ma jirrigwardawx l-appalt konkluz bejn il-partijiet;

f. L-ammonti l-ohra mitluba huma lkoll kontestati stante li mhux dovuti u dan kif spjegat skond l-anness Dokument market 'VB1';

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma fi kwalsiasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjetà konvenuta datata 10 t'Ottubru 2014 li permezz tagħha irtirat l-ewwel eċċezzjoni iżda żammet ferm il-bqija tal-eċċezzjonijiet;[1]

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr Peter Fenech għas-soċjetà attriċi magħmula fis-6 ta' Lulju 2016 fejn kien hemm qbil li l-ammont kontestat mill-kontroparti li tirrigwarda *steel plate* uniku kien fornit għall-uffiċċju ta' Reuben Vassallo għas-somma ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) u li din is-somma m'għandhiex tifforma parti mit-talba għall-ħlas odjern peress li t-talba odjerna tikkonċerna biss il-proġett tal-Ġgantija Għawdex u għalhekk it-talba oriġinali għandha tiġi ridotta bl-ammont ta' €350;[2]

[1] Pagna 29 tal-process.
[2] Pagna 335 tal-process.

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-proċeduri;

Rat li fid-9 ta’ Jannar 2017 ġie nominat il-Perit Adrian Falzon sabiex jevalwa l-pjanti oriġinarjament mgħoddija minn Vassallo Group lil Officine Bertazzon u jagħmel analiżi komparattiva mat-tieni sett ta’ pjanti li rċevew Officine Bertazzon u li fuqhom attwalment inbniet l-istruttura;

Rat ir-rapport tal-Perit Adrian Falzon li ġie ippreżentat fid-9 t’Ottubru 2019 u maħluf fl-4 ta’ Frar 2020;[3]

Rat illi l-partijiet ma kellhomx domandi in eskussjoni x’jagħmlu lil Perit Tekniku Adrian Falzon;[4]

Rat illi l-partijiet ma kellhomx sottomissjonijiet x’jagħmlu u straħu fuq l-atti;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

Din hija azzjoni rigwardanti kuntratt ta’ sub-appalt fejn is-socjetà konvenuta inkarigat lis-soċjetà attriċi sabiex teżegwixxi xogħoljiet fil-Ġgantija Heritage Park, Għawdex. Il-partijiet qablu fost oħrajn dwar il-metodu, iż-żmien u l-ammont pagabbli. Ix-xogħol li s-socjetà attriċi ġiet inkarigata teżegwixxi kienu jinkludu kostruzzjoni ta’ numru ta’ passaġġi, bibien u *external cladding*. Dan ix-xogħol inbeda fit-13 ta’ Marzu 2013 u tlesta lejn l-aħħar t’Awwissu 2013. Is-socjetà attriċi qiegħda tilmenta li għal dan ix-xogħol jonqosha titħallas is-somma ta’ ħamsa u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u disgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€45,694.95), apparti is-somma ta’

[3] Pagna 471 et seq tal-process.
[4] Pagna 483 tal-process.

tmienja u għoxrin elf, tmien mija u tmienja u għoxrin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€28,828.54) bħala *retention fee* dovuta mat-tlestija tax-xogħol.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha qiegħda tikkontesta din is-somma fuq numru ta' binarji fosthom li *retention fee* għada m'hijiex dovuta, il-ħlas għal *brackets for downpipes* mhux dovut għaliex huma addizzjonali, il-valur għal *steel plates* qatt ma ġie sostanzjat mis-soċjetà attriċi kif ukoll li parti mill-ammont mitlub ma jirrigwardax l-appalt konkluż bejn il-partijiet. Teċċepixxi finalment li t-talbiet attriċi huma infondati.

Ikkunsidrat;

**Provi tas-Socjeta' Attrici**.

**Giovani Furlan**, disinjatur ghall-kumpanija Officine Bertazzjoni, xhed fl-affidavit tieghuipprezentat mis-socjeta' attrici, li l-ispecjalita tieghu hija ta' *construction drawings* u hadem fuq il-kalkoli tal-progett tal-Ggantija. Jghid li huwa mar fuq is-sit f'Lulju tal-2013 fejn ir-responsabbiltà tieghu kienet li jsegwi x-xoghol li qieghed isir. Jghid li huwa sab problema fix-xoghol li hejja haddiehor, fis-sens illi l-bazi li fuqha kellha tehel is-*sub-structure* u eventwalment il-pannelli kienet "*differenti da quelo del progetto esecuttivo*"[5]. Skont ix-xhud, dan kien ifisser li minghajr modifikazzjoni x-xoghol ta' installazzjoni ma setax jitkompla. B'din id-diffikultà informaw lil wiehed mill-Periti ta' TBA, jekk jiftakar tajjeb jisimha Roberta u informaw ukoll lil Anton Muscat ta' Vassallo Builders Ltd. Ikompli jghid li sar it-tibdil mehtieg u dan peress li l-qoxra ta' barra kellha titqiegħed perfettament mal-pjan orizzontali. Furlan jghid li ma kien hemm l-ebda possibilitajiet ohra u kien ghalhekk li kien hemm ftehim biex jaghmlu x-xoghol mehtieg u fil-fatt hekk sar, u x-xoghol tlesta. Jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jghid li qatt ma rcievew xi ilment dwar ix-xoghol taghhom. Jghid li huwa telaq minn Ghawdex wara li tlesta x-xoghol u cioe fl-4 t'Awwissu 2013.

[5] Pagna 31 tal-process.

Xehed ukoll l-**Inginier Christian Signorotto**, li jahdem mas-socjeta attrici u ilu jahdem ma' din is-soċjetà minn April 2011. Dwar il-progett tal-Ggantija, huwa jispjega li beda jahdem fuqu wara li Vassallo Brother Ltd talbet ghal offerta ekonomika u dan wara li saru diskussjonijiet mad-direttur maniġerjali Fabrizio Bertazzon. Jikkonferma li fid-9 t'Awwissu 2012, is-socjetà attrici lahqet ftehim ma' Vassallo Brothers u dan sabiex isir xoghol tal-metall fis-sit tal-Ggantija Ghawdex. Jghid li huwa segwa x-xoghol kollu kemm min-naha teknika kif ukoll dik ekonomika. Jghid li ntalbu xoghlijiet addizzjonali mis-socjeta li jahdem maghha hu, u dawn accettaw dan ix-xoghol. L-ispiza totali tax-xoghlijiet kienet ta' tlett mija, wiehed u erbghin elf, sitt mija u hdax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€341,611.36) u dan b'differenza tal-valur tax-xoghol inizjalment fdat lilhom fis-somma ta' mitejn u tmienja u tletin elf Ewro (€238,000) kif muri fil-kuntratt tad-9 t'Awwissu 2012. Ix-xhud jghid li Vassallo Builders talbu ghal zidiet fix-xoghol u dawn kienu jintalbu lix-xhud generalment minn Anton Muscat. Jghid li anke jekk it-talbiet ghal xoghol iehor sar lill-kollegi tieghu, xorta kien jircievi dawn it-talbiet hu. Jghid li wara konsultazzjoni interna, kien jikkonferma l-possibbiltà taghhom li jwettqu x-xoghol addizzjonali mitluba u jittrasmettu l-offerta finanzjarja. Jghid li huma dejjem ircevew konferma. Il-pagament li fadal jithallas huwa ta' hamsa u erbghin elf, sitt mija u erbgha u disghin ewro u sitta u disghin centezmu (€45,694.96). Ix-xhud jghaddi sabiex jirreferi ghat-tielet klawzola tal-ftehim fejn jippreciza kif ghandu jsir il-hlas. Jikkonferma li huma thallsu 10% tal-valur tal-kuntratt u cioe 10% tal-valur inizjali ta' €238,000. Ikompli jghid li

> "un altro dieci per cento doveva essere pagato quando la Bertazzon acquistava la materia prima. Cinquanta per cento del valore del lavoro doveva essere pagato trenta Giorni dopo l'arrivo a Gozo del materiale finito. Un altro venti per cento dovevea essere pagato trenta Giorni dopo la fine del installazione del materiale. Prima di procedere confermo che tutti i lavori del contratto sono stati consegnati e quelli che doveva installare Bertazzon sono stati installati il lavoro e stato tutto concluso nell'Agosto del 2013. [...] Spiego allora che l'ammonto complessivo dovuto alla Bertazzon come gia detto ammonta ala somma di [...]

€341,611.36. Da questo ammonto dobbiamo dedurre la ritenuta che ammonta alla somma di [...] €28,828.54. [...] ”[6]

Ix-xhud ikompli jghid li sad-data tax-xhieda tieghu Bertazzon kienet thallset is-somma ta' mitejn, sitta u sittin elf, hames mija u sebgha u tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu (€266,587.86) b'dan ifisser ghalhekk li s-somma dovuta hija ta' €46,194.96. Jghid ukoll li minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu €500 ghall-akkomodazzjoni u l-ammont dovut issa jigi ta' €45,694.96.

Dwar il-*bracket* li saret referenza ghaliha fir-risposta ta' Vassallo Builders Ltd ix-xhud jghid li skont kif gie spjegat fil-korrispondenza elettronika tad-19 ta' Dicembru 2013, kien Anton Muscat li fis-27 ta' Frar 2013 talab lil Bertazzon ghaliha. Dwar iz-zieda tal-cladding ix-xhud spjega li "gli extra che ammontano alla somma di [...] €19,2000 sono dovuti all'ingrandimento del cladding del quarto per cento. Su questo ingrandimento abbiamo l'approvazione a modificare la struttura anche perche non si poteva fare altrimenti a causa di alcune interferenza del cladding con il calcestruzzo."[7] Ix-xhud jikkonkludi li dwar iz-zieda fil-valur tal-kuntratt tad-9 ta' Awwissu 2012 ghal valur finali ta' €341,611.36 dan minhabba zidiet li saru fuq struzzjonijiet li inghatawlhom mis-socjeta' konvenuta Vassallo Builders Ltd.

Fis-6 ta' Lulju 2016, sehh il-kontro-ezami tal-Inginier Signorotto, jibda billi jikkonferma li s-socejta attrici kienet responsabbli ghad-disinn u l-manifattura tal-*cladding* però ma jaqbilx li s-socjeta attrici hija responsabbli ghan-nuqqas fid-disinn u dan ghaliex id-disinn gie zviluppat fuq it-tpingijiet li gew provduti bihom u li fuqhom ibbazaw l-offerta taghhom. Jghid li però mal-moghdija tax-xoghol, il-klijent taghhom talabhom jimmodifikaw dawn it-tpingijiet u jkabbru l-istruttura. Ix-xhud jikkonferma li x-xoghlijiet kienu ghal Heritage Malta u li d-disinn originali kienu bbazati fuq id-disinn ippreparat minn Heritage Malta. Ix-xhud ma jafx jekk Vassallo Builders Ltd

[6] Pagna 33 tal-process.
[7] Pagna 34 tal-process.

hax it-tender ibbazat fuq l-offerta taghhom jew jekk kienx digà ha t-tender qabel ikkuntatjahom. Li jaf huwa li l-kuntratt gie iffirmat fid-9 t'Awwissu 2012. Ix-xhud jghid li huma ma kellhomx relazzjoni diretta ma' Heritage Malta. Li jista' jikkonferma huwa li wara li ghamel l-affidavit tieghu, is-soċjetà attrici thallset is-somma li inghatat bhala *retention fee*. Dwar il-cladding u l-modifikar, ix-xhud jghid li huma ghamlu dak li kellhom jaghmlu. Ix-xhud jispjega hekk:-

> "Visualmente la struttura e` composta da un piano costruito con le pareti e il suolaio in calcestruzzo. Il cladding e` una struttura in accaio sovraposta a questa struttura in calcestruzzo. Quando abbiamo sviluppato il cladding, secondo le indichazione ricevute da Vassallo abbiamo segnalato che c'erano dei problemi in cui il cladding copenetrava con il calcestruzzo. C'erano del interferenze, i muri attraversavano il cladding quando invece il cladding dovrebbe stare tutto sopra i muri. Eventualmente si possono procurare dei disegni per vedere questa cosa."[8]

Jikkonferma li d-diskrepanza sar jaf biha mid-disinn minn fuq il-komputer, waqt li kien ghaddej il-progett. Ix-xhud jikkonferma wkoll li kien hemm varjazzjoni bejn il-pjanti originarji provduti mis-socjeta' konvenuta u dawk li gew moghtija lilhom wara. Jghid li lejn l-ahhar ta' Marzu, bidu April tal-2013 huma inghataw struzzjonijiet sabiex l-istruttura tikber. Ix-xhud ikompli jispjega li l-modifikazzjoni fid-disinn ma sarx fil-konkos li fuqha kellha tigi l-istruttura, li nbidel huwa cladding fuq rikjesta ta' Vassallo Builders. Jikkonferma li l-istruttura tal-konkrit li fuqha giet ibbazata d-disinn tal-*cladding* baqa' l-istess. Dwar id-dewmien fix-xoghol, ix-xhud jikkonferma li kien hemm dewmien bi ftit granet però jghid li Vassallo kien ghadu kif lesta x-xoghol tieghu u ghalhekk ma setghux jibdew qabel. Jispjega li t-trasport addizzjonali ma kellux isir minhabba d-dewmien izda minhabba l-piz u l-volum tal-istruttura li ma kinitx toqghod f'karru wiehed. Dwar it-trasport ikompli jispjega, li fl-ewwel *bill of quantities* kien hemm inkluz it-trasport, izda kien hemm xoghlijiet addizzjonali li kienu jirrikjedu trasport separat.

[8] Pagna 340 tal-process.

Dwar id-*downpipes* ix-xhud jikkonferma li meta ghamlu l-ftehim ma' Vassallo kien mistenni li l-istruttura tinkludi dawn il-pajpijiet. Meta intqal lix-xhud li s-socjeta attrici ma haditx hsieb ghal dawn l-affarijiet, ix-xhud jghid li huma ghamlu l-offerta taghhom fuq id-disinn moghti lilhom u bil-kwantitajiet u dimensjonijiet li kienu fid-disinn. Ix-xhud jiccara li l-kwistjoni m'hijiex il-pajpijiet izda l-*brackets* fejn id-disinn kien juri tnejn ghal kull pajp. Jghid li dan id-disinn tlesta minn Heritage Malta. Kien il-Perit Anton Muscat li talab li kull pajp ghandu jkollu 4 *brackets* u din ir-rikjesta saret permezz ta' korrispondenza elettronika datata 26 ta' Marzu. Dwar il-pjanci tal-azzar ix-xhud jghid hekk:

> "Dr Massimo Vella: Comunque lei concordera` con me che queste piastre chiamiamole decorattive erano indicate nel design originale?
> Xhud: Probabilmente si. Pero` siccome fanno parte di un estensione della nostra offerta, credo che al telefono ci avessero chiesto di fornire delle semplici piastre tagliate e che poi invece per necessita` di cantiere abbiano avuto necessita` di saldare delle ulteriori piccole piastrini per il fissaggio e quindi la differenza di prezzo sta in questa lavorazione della saldatura.
> Imhallef: E la differenza in prezzo e`?
> Xhud: Circa mille.
> Dr Massimo Vella: In che senso nella modifica della saldatura?
> Xhud: Allora, nella prima offerte abbiamo dovuto dare delle piastre solo tagliate a misura. Ci e` stato invece chiesto di saldarci delle piccole piastrine sulle quale poi effettuare il fissagio in cantiere, quindi per noi e` aumentato un po` il lavoro."[9]

Dwar it-tnaqqis tal-akkomodazzjoni, ix-xhud jghid li huwa jaqbel li dan kellu jitnaqqas u dan ghaliex kienu qablu li fil-fatt isir hekk. Rigwardanti l-uzu tal-crane ix-xhud jispejga li aktar milli kien hemm addizzjonali kien hemm bdiel fil-hin (*i.e. time-shift*). In ri-ezami jispjega li huma gew mitluba jkabbru d-disinn b'erbgha fil-mija (4%)

[9] Pagna 347 tal-process.

Xehed **Fabio Gallino**, maniger amministrattiv tal-kumpanija attrici. Jghid li huwa beda jahdem fuq il-progett tal-Ggantija wara li giet konkluza l-ordni milhuqa wara negozjati flimkien mal-kumpanija Vassallo Builders Ltd. Ix-xhud jirritjeni li x-xoghol zdiet minn dak li originarjament sar qbil u dan dejjem fuq talba tas-socjetà konvenuta u fejn il-valur tela' ghal €341,611.36. Gallino jghid li huwa kien responsabbli mill-parti amministrattiva u cioe jiccekkja li l-materjal intbaghat Malta, li l-fatturi nhargu b'mod korrett u li sar il-hlas taghhom fil-hin. Jispjega li l-materjal kien jikkonsisti kemm fi strutturi diga kompluti li kellhom jigu installati minn Vassallo kif ukoll fi strutturi li kellhom jigu mmuntati fuq il-post minn Bertazzon. Dan ix-xhud bhal dak precidenti jghaddi sabiex jaghmel referenza ghat-tielet paragrafu tal-kuntratt tad-9 t'Awwissu 2012 fejn hemm imnizzel kif kellu jsir il-hlas. Gallino ukoll jirripetti dak li qal Signorotto dwar il-kalkoli tal-hlasijiet u li l-ammont pendenti huwa ta' €45,694.96. Dwar il-*bracket* ix-xhud jirrepeti wkoll dak li qal ix-xhud ta' qablu. Dwar il-*cladding* Gallino spjega li ghalkemm ma kien hemm l-ebda referenza li *cladding* kellu jigi certifikat, din giet sorvolata minhabba li gew informati fil-15 ta' Mejju 2014 li l-kuntratt gie certifikat u sar il-hlas ta' €7,301.77. Ikompli jghid li "Per quanto riguarda le variazioni (extras) ho inviato io stesso il conteggio degli extra prezzi (pari a Euro 18.600,00) per la modifica della struttura, ma Vassallo non ha mai risposto all mia e-mail. Sono a conoscenza che il Sig. Fabrizio Bertazzon ha discusso in piu occasione con il-Sig. Pio Vassallo. Non abbiamo mai ricevuto istruzioni di non procede con la modifica ai prezzi comunicati infatti abbiamo proceduro con il lavoro. In sede di montaggio c'e stato un ritardo nella partenza del cantiere per il quale c'e stato uno scambio di opinione tra Bertazzon e Vassallo; per questi ritardi Bertazzon aveva chiesto un extra prezzo di Euro 850,00 ma dopo discussione sulla presenza di Andrea Bordin aveva deciso di addebitare solo Euro 600,00. Gli extra complessivi sul cladding ammontano quindi a complessivi [...] €19,200."[10] Dwar iz-zieda ta' €790 ghall-i*steel plates* ix-xhud jghid li din it-talba saret minn Anton Muscat. Ikompli jghid li wara li saret l-ordni, Vassallo talab ghal aktar pjanci u sabiex jigu wweldjati xi pjanci fuq l-angolu. Din it-talba giet accetata u nharget

[10] Pagna 36 tal-process.

fattura ghal dan ix-xoghol, "solo quanto non era gia compreso nella fattura gia emessa oltre a quota parte delle spese di traporto per un ammontari di [...] €1,590 dato che le spese di trasporto di questo ordine erano a carico di Vassallo."[11] Dwar l-ispejjez tat-trasport, ix-xhud jghid li dawn żdiedu minhabba problema ta' spazju.

Xehed **Fabrizio Bertazzon**, id-direttur tas-socjetà attrici. Jghid li dwar il-progett tal-Ggantija huwa jiftakar li gie avvicinat minn Vassallo Builders Ltd sabiex jaghmlu offerta ghal strutturi tal-metall. Jghid li huwa talab lill-Inginier Christian Signorotto biex jahdem l-offerta u giet formulata offerta. Jghid li wara li saret din l-offerta, saru negozjati teknici u kummerċjali ma' Pio Vassallo. Ix-xhud jghid li huwa jirrikonoxxi il-kuntratt li gie esebit mar-rikors taghhom, kif ukoll il-lista tal-prezzijiet. Jghid li l-kumpanija Bertazzon bdiet ix-xoghol ta' disinn u dejjem f'kuntatt kostanti bejn l-ufficju tekniku taghhom u dak tas-socjetà Vassallo Builders. Jghid li huwa gieli kien ikun fuq il-post flimkien mal-impjegati tieghu u jikkonferma li x-xoghol ghamluh kollu. Jghid li x-xoghol zdied tant li meta gie ffirmat il-kuntratt l-ispiza kienet ta' €238,000 u sakemm spiccaw ix-xoghlijiet, l-ispiza telghet ghal €341,611. Ix-xhud jghid li qatt ma kien hemm ilmenti fuq ix-xoghlijiet li ghamlet is-soċjetà Bertazzon. Jghid ukoll li talab il-hlas dovut lilu diversi drabi kif ukoll talab li jsiru laqghat sabiex tigi ccarata s-sitwazzjoni izda din giet michuda. Huwa jghid li l-progett inghalaq f'Awwissu 2013 u l-ahhar pagaemnt li sar lil Bertazzon kien f'Novembru 2013. Jiddikjara li x-xoghol li gie miftiehem li ghandu jsir fil-fatt sar kollu. Bertazzon jghid li l-ammont ta' €45,694.96 ghadu dovut u ghadda sabiex jispjega kif wasal ghal din ic-cifra

Fabrizio Bertazzon xehed in kontro-ezami fl-1 ta' Dicembru 2016. Jibda billi jikkonferma li l-kuntratt li qablu fuqu kien wiehed ta' *lump sum*. Jikkonferma wkoll li l-kuntratt kien ta' *design and build*. Jikkonferma wkoll li d-disinn dettaljat preparawh huma u ma strahux fuq disinn propost minn haddiehor. Ix-xhud gie mistoqsi jekk jafx li l-ammont li qieghda titlob is-soċjetà attrici ma ġietx iċċertifikata minn Heritage Malta, ix-xhud jghid li ma jafx, jghid li

[11] Pagna 37 tal-process.

x'ghamlet Heritage Malta mal-klijent tieghu Vassallo Builders Ltd huwa ma jafx, tant li fl-affidavit tieghu m'ghamel l-ebda referenza ghal Heritage Malta.

Permezz t'affidavit xehed ukoll il-**Perit Andrea Bordin** li ilu jahdem mas-socjeta attrici minn Novembru 2012. Jghid li huwa jaf li s-socjeta Bertazzon giet inkarigata minn Vassallo Builders Ltd ghal produzzjoni u installazzjoni ta' strutturi gewwa Ggantija, Ghawdex. Jghid li huwa segwa l-installazzjonijiet tal-pavimentar mill-muzew sat-tempju. Jispjega li rigward ix-xoghol tieghu huwa qatt ma ltaqa ma' l-ebda diffikultà. Jghid li Ghawdex niżel diversi drabi sabiex jissorvelja u jikkontrolla l-progress u sabiex jiddokumenta permezz ta' ritratti l-progress. Il-Perit jghid li huma kellhom diffikultà sabiex jinstallaw l-istrutturi fiz-zmien stabbilit u dan peress li huma kellhom jahdmu ma' haddiema ohra tal-kumpanija Vassallo Builders. Permezz tat-tieni affidavit tieghu, il-Perit ghamel kjarifika fuq l-eccezzjonijiet intavolati min-naha tas-socjetà Vassallo Builders, specifikament dwar l-eccezzjoni tal-*brackets*, *cladding* u *steel plates*. Dwar il-*brackets* ix-xhud jghid li wara li gie ffirmat il-kuntratt, il-Perit Anton Muscat talab jekk jistghux jizdiedu l-*brackets* u huma kienu wiegbu li jistghu u li l-prezz huwa ta' €250 kollox inkluz. Jghid li huma accettaw billi kkonfermaw l-ordni bit-telefown. Jghid li kieku kienu parti mill-kuntratt originali, Vassallo Builders Ltd ma kinitx titlob ghalihom. Dwar il-*cladding* ix-xhud jghid li gara huwa li mbilli il-konkos gie akbar milli mistenni, l-istruttura tal-hadid kellha tiżdied b'mod proporzjonat. Din iz-zieda kellha tkun ta' €18,600 li żdiedet ghal €19,200. Jghid li s-socjeta konvenuta kienet taf b'din iz-zeda fl-ispejjez, però is-socjetà konvenuta informathom li ghandhom ikomplu bix-xoghol halli x-xoghol jitlesta fit-terminu maqbul fuqu. Jghid li Christian Signorotto kien informa lil Anton Muscat li ser jkun hemm zieda fil-prezz. Jghid li dan tal-ahhar ikkonferma l-bzonn li titkabbar l-istruttura kollha u li timmodifika kompletament xi pannelli biex isegwu l-forma tal-bini. Din il-bidla ma setatx tkun taf biha s-socjeta attrici qabel ma gie ffirmat il-kuntratt. Rigwardanti l-i*steel plates*, ix-xhud jghid li waqt li kien qieghed isir ix-xoghol gewwa l-Ggantija, huma rċevew talba minghand Reuben Vassallo ghal pjanci tal-azzar. Ix-xhud jikkonferma li fil-fatt dawn intuzaw ghall-ufficcju ta' Reuben Vassallo. Il-prezz taghhom kien ta' €350.

Fl-10 t'Ottubru 2016 Andrea Bordin xehed in kontro-ezami. Jghid li huwa ma kienx involut fin-negozzjar bejn Officine Bertazzon u Vassallo Builders Ltd. Rigwardanti l-prezz ix-xhud jghid li minn dak li jaf hu il-kuntratt kien wiehed ta' *lump sum*. Ix-xhud jikkonferma li l-problema tal-*cladding* irrizultat waqt il-fazi tad-disinn però wara li sar in-negozjar fuq il-prezz bejn Bertazzon u Vassallo. Jghid li dan sehh minhabba li kien hemm bdil fl-istruttura proposta minn Vassallo. Jippreciza li l-bdil kien fil-konkrit ta' taht l-istruttura tal-hadid b'diskrepanza ta' 4%.

Waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2014 is-socjeta' attrici sejhet bhala xhud lil **Neville Calleja**, *Commercial Manager* mas-socjeta konvenuta. Jibda billi jghid li Vassallo Builders kienet inkarigat lil Officine Bertazzon bhala sub-kuntrattur taghha ghal progett tal-Ggantija Heritage Park gewwa Ghawdex u dan l-inkarigu nghata bis-sahha ta' *letter of acceptance*. Ix-xhud jikkonferma li x-xoghol min-naha tas-socjetà attrici tlesta. Jghid li l-ammont finanzjarju maqbul kien ta' mitejn tmienja u tletin elf Ewro (€238,000) però kien hemm xi varjazzjonijiet cioe hemm xoghol li l-valur tieghu ma giex inkluz fil-kuntratt. Dwar dan l-ahhar punt ix-xhud jghid li hemm varjazzjonijiet li hemm qbil fuqhom izda hemm varjazzjonijiet ohra li m'hemmx qbil fuqhom. Meta gie mistoqsi jekk hemmx ammont dovut minn Vassallo Builders lis-socjeta attrici, ix-xhud jghid li iva hemm li jikkonsisti fir-*retention money*. Jispjega li *retention fee* tinzamm mill-Gvern ghal perjodu ta' tnax-il xahar li jibda jidikorri minn meta jinharag ic-certifikat finali tal-perit, liema certifikat kien ghadu ma harigx meta xhed Neville Calleja. Ix-xhud jaqra mill-ittra ta' accettazzjoni u jghid li fir-rigward tar-*retention fee* hemm imnizzel hekk: "*10% retention of the full sub-contract sum, which shall be retained for twelve months after completion and after any defective work/s (if any) had been made good to the satisfaction of the Project Architects / Engineers and the Employer*." Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm difetti fix-xoghol ta' Officine Bertazzon, ix-xhud jghid li ma kienx hemm però l-ammont ma thallasx. Dwar ix-xoghol zejjed li sar mis-socjeta attrici ix-xhud jghid li dawn jinkludu per eżempju "pjanci tal-hadid ghall-ufficju ta' Reuben Vassallo li ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-progett. [...] Kien hemm xi *railings*

addizzjonali li mhux inkluzi f'dak l-*agreement*"[12]. Ix-xhud isemmi wkoll steel plates, steel angles, steel grating u steel mesh, poles, u cladding bhala xoghol mizjud. Dwar il-*cladding* ix-xhud jikkonferma li fil-mori tal-kawza dan gie ccertifikat u sar il-hlas tieghu fis-somma ta' sebat elef, tlett mija u ewro u tmienja u sebghin centezmu (€7,301.75) liema somma tifforma parti mis-somma globali ta' €146,530.54. Ix-xhud jikkjarifika li dak li sar ftehim fuqu sar hlas tieghu, barra ir-*retention fee*; li ghadu ma sarx hlas huwa ta' xoghol li ma kienx jifforma parti mill-ftehim. Ix-xhud jghid li fil-kaz tal-*cladding* dak kien ftehim ta' *lump sum payment* u jirreferi ghal dak li hemm imnizzel fil-lista tax-xoghol sub-appaltat (*i.e. bill of quantities*) specifikament ghal numru 6 fejn jindika li l-hlas huwa ta' *lump sum*[13]. Rigward il-*brackets for down pipes*, ix-xhud qal li dawn ukoll kienu jifformaw parti mid-disinn originali u ghalhekk qatt ma zdiedu wara.

Fix-xhieda tat-12 ta' Frar 2015, Neville Calleja kjarifika li fir-rigward tal-i*steel plates*, fl-20 ta' Dicembru 2013 huwa kien talab lil Fabio, rapprezentant tas-socjetà Officine Bertazzon, ghal aktar informazzjoni u dan peress li huma qatt ma talbu sabiex isir dan ix-xoghol. Ix-xhud jghid li s-socjeta attrici qatt ma taghtu risposta u ghalhekk kien ghadu ma jafx dwar liema *plates* is-soċjetà attrici kienet qieghda tirreferi. Dwar ic-certifikazzjoni, ix-xhud jghid li DTR harget ic-certifikat finali fl-1 ta' Dicembru 2014. Ix-xhud jghid li lanqas ic-certifikat finali ma tefa dawl fuq l-i*steel plates*. Dwar il-hlas huwa jghid li "according to certificate seven (7), hallasna kollox minbarra ir-retention jigifieri ir-retention, l-ammont ta' tletin elf tlett mijja wiehed u hamsin (30,151) ewro ghadhom pendenti. Il-bqija hallasna kollox."[14] Ix-xhud jghid li l-ahhar pagament sar fis-13 ta' Gunju 2014[15] fejn Vassallo Builders halset lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef, hames mija u wiehed u sebghin ewro u sittin centezmu (€6,571.60); wara l-hrug tac-certifikat finali ma saru l-ebda pagamenti u dan ghaliex kien sar il-hlas kollu.

---

[12] Pagna 79 tal-process.
[13] Pagna 109 tal-process.
[14] Pagna 131 tal-process.
[15] Il-Qorti tinnota li dan il-pagament sar wara li giet istitwieta l-kawza odjerna.

Neville Calleja rega' tela' jixhed fl-4 ta' Mejju 2015 fejn huwa ppreżenta dokument jippreciza liema huma dawk l-ammonti li m'humiex qeghdin jaqblu maghhom, liema somma tammonta ghal tmienja u tletin elf, u mitt ewro u erbgha u tmenin centezmu (€38,100.84). Il-lista ta' spejjez li mhux jaqblu maghhom hija s-segwenti:

a. ***"Extra Works related to the Design and Build of Cor-Ten Steel Cladding Cover (refer to BOQ item 6)***
b. ***Ditto, but extra Works carried out on site, ditto***
c. ***Extra Works related to Down Piptes (refer to BOQ item 12)***
d. ***Extra Works related to the provision for the supply of plates (refer to BOQ item 14)***
e. ***Supply of Steep Plate for Ruben's Office***
f. ***Additional transport charges***
g. ***Deductions for Gozo Accomodation***
h. ***Deductions for Materials, Labour and Plant provided by VBL"***[16]

Fit-12 ta' Frar 2015 xehed il-**Perit Jean Luke Zarb**. Jghid li l-kumpanija li kien jahdem maghha dak iz-zmien, Design and Technical Resources, giet inkarigata minn Heritage Malta sabiex issegwi dan il-progett, u huwa kien gie inkarigat jiehu hsieb il-progett tal-Ggantija. Ix-xhud jghid li s-socjeta Officine Bertazzon kienet imqabbda taghmel il-*cor-ten cladding*. Jghid li sakemm huwa kien ghadu jahdem mal-kumpanija Design and Technical Resources, il-progett kien tlesta però l-arrangamenti kuntrattwali kienu ghadhom ma ġewx finalizzati – jghid li "Kien hemm il-final certification with snagging, ifisser li jkun ghad fadal xi xogholijiet pendenti, ikun hemm anki xi retention money illi ikunu ghadhom pendenti sakemm il-kuntrattur, il-joint venture taqdi dmirha u kif taqdi dmirha jigu rilaxxati u ikun hemm il-contractual obbligations illi jkunu fulfilled to the full."[17] Rigward il-*brackets for downpipes* ix-xhud jghid li l-*bill of quantities* ma taghmel l-ebda referenza

[16] Pagna 134 tal-process.
[17] Pagna 122 tal-process.

ghalihom però jghid li kien hemm bejn 8 u 10 pajpijiet li kienu qeghdin inizzlu l-ilma minn fuq zewg binjiet. Il-*brackets* imbaghad huma dawk li jzommu dawn il-pajpijiet f'posthom. Ikompli jghid li min-naha tieghu huwa ma jistax jghid min kien responsabbli ghalihom ghaliex il-kuntatt dirett kien mal-*joint venture*. Ix-xhud li setgha jghid huwa li fid-disinn originali l-*brackets* kienu gew impingija. Fir-rigward tal-*cladding* il-Perit jghid li din kienet sitwazzjoni fejn lill-kuntratturi ma jghatuhomx eżatt xi jridu peress li l-istruttura tkun daqsxejn ikkumplikata, li jsir f'kaz bhal dan huwa li jghidulhom x'tip iridu u x'inhu r-rizultat li qeghdin jistennew mill-istruttura (*design and build*) u ghalhekk f'kaz bhal dan issir *lump sum.* Jghid ukoll li l-kuntrattur jista' jipprezenta disinn alternattiv cioe "biex itini rizultat mhux bilfors irid jimxi ma' dak li specifikajtlu jiena. Jista` juza sistema differenti ta' struttura biex itini l-istess rizultat. Imma dak kollu li jigri f'dan il-cladding irid jigi absorbed by the contractor. Ejja nghidu ghal mod tal-kelma is-sistema differenti li ghamel ser tiswieh iktar, ma jistghax jikklejmja ghaliha iktar. […] Responsabbiltà tieghu. We will only pay that sum when it is ready. And it was certified, there was some snags but it is finished and complete."[18]

**Provi tas-Socjeta' Konvenuta.**

Is-soċjetà konvenuta resqet lil **Neville Calleja** fit-18 ta' Frar 2016 bhala l-ewwel xhud taghha. Is-Sur Calleja spjega li l-hlas li sar fit-13 ta' Gunju 2014 fl-ammont ta' €6571.60 ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-ilment li qieghda taghmel is-socjetà attrici, pero huwa hlas wara certifikazzjoni minn Heritage Malta. Ix-xhud jirreferi wkoll ghall-hlas iehor li sar fit-3 ta' Frar 2016, u cioe' fil-mori tal-kawza, fis-somma ta' tletin elf, tlett mija u wiehed u hamsin Ewro u hames ċenteżmi (€30,351.05), ekwivalenti ghar-*retention fee*. Dan il-hlas sar issa ghaliex ix-xoghol taghhom ma kienx ghadu gie ċċertifikat minn Heritage Malta. Ix-xhud jghid li huma dejjem jimxu bis-sistema li huma jiċċertifikaw meta jiċċertifikaw lilhom u jhallsu meta jhallsu lilhom. Ix-xhud jinnota li ghalkemm ix-*schedule of rates* giet iffirmata minn Fabrizio Bertazzon, l-ittra ta' accettazzjoni giet iffirmata biss minn Pio Vassallo.

[18] Pagna 126 tal-process.

Rigward il-*cladding* ix-xhud jispjega li dan kien kopert fix-*schedule of rates* fejn kien hemm qbil li l-istruttura tigi supplieta u intsallata a bazi ta' *design and build* u fejn kien sar qbil ta' *lump sum* fis-somma ta' mija, sitta u erbghin elf, hamsa u tletin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€146,530.54). Ix-xhud jikkonferma li dik is-somma thallset lis-socjeta attrici. Min-naha taghha izda s-socjeta attrici qieghda titlob hlas addizzjonali fuq dak li gie miftiehem u cioe is-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt Ewro (€18,600) u s-somma separata ta' sitt mitt ewro (€600). Ix-xhud jghid li dina t-talba qieghda ssir ghaliex skont is-soċjetà attrici, l-istruttura kibret pero ix-xhud jghid li l-istruttura dejjem baqghet l-istess, "kien sta ghalih li jaghmel il-kalkolu tieghu fil-bidu, jiddisinjaha u jibniha skont ma kien hemm mibni"[19]. Ix-xhud ipprezenta kopja tal-pjanti fuq xiex is-soċjetà attrici kkalkulat ix-xoghlijiet taghha, pjanta li xejn ma nbidel fiha mill-bidu sal-ahhar skond kx-xhud. Ix-xhud ikompli jghid li dawn il-pjanti kienu lesti *at tender stage*, iddisinjati minn Heritage Malta u li fuqhom is-soċjetà Bertazzon hadmet l-istima taghha. Ix-xhud jghid li l-prodott finali huwa identiku ghad-disinn imhejji minn Heritage Malta. Ix-xhud jghid li dak li huma ftehmu ma' Heritage Malta, ftehmu ma' Officine Bertazzon, b'differenza tal-qliegh li ghandha is-soċjetà konvenuta. Jghid li Vassallo Builders thallsu s-somma originarjament maqbula ma' Heritage Malta u ma sar l-ebda hlas aktar minn dak li kien maqbul. Dwar id-*downpipes* ix-xhud jghid li dawn kienu immarkati fil-pjanta u kien sta ghas-socjeta attrici li tipprovdi x-xoghol kollu peress li kienet *design and build*. Jikkonferma li l-prezz miftiehem kien ta' *lump sum* u ghalhekk id-*downpipes* kienu jaghmlu parti mill-prezz maqbul. Il-htiega ta' dawn il-pajpijiet kien sabiex jilqa' l-ilma tal-bjut u jiskula l-ilma ghal go fihom. Jghid li kien hemm diskussjonijiet waqt li kien qieghed isir ix-xoghol dwar kif ghandhom isiru l-*brackets*. Filwaqt li d-disinn originali wera kif ghandhom ikunu l-*brackets* is-soċjetà attrici issuggeriet li jsiru mod iehor u jghid li huma accettaw u saru bil-mod suggeriet mis-socjetà attrici. Jikkonferma li ma kien hemm l-ebda avvarija fil-prezz u dan ghaliex kien inkluz fis-somma miftiehma fil-bidu. Dwar l-i*steel plates* ix-xhud jghid li huwa kien staqsa lil Fabrizio Bertazzon sabiex

[19] Pagna 317 tal-process.

jiġġustifika l-ispiza izda dan naqas milli jiġġustifika t-talba tieghu. Ikompli jghid hekk:

> "Dr Massimo Vella: Meta qed jirreferi ghal extra over supply of plates, spjega ftit lill-Qorti, halli anki biex nifhmu ahna x'inhuma dawn il-famuzi plates.
> Xhud: Dawn kienu plates dekorattivi li xtaqhom il-perit tal-klijent, gew installati fuq is-sit tax-xoghol.
> Dr Massimo Vella: Issa dawn il-plates, in relation mad-disinn originali kif jirrelataw? Kienu hemm, ma kienux hemm, naqsu, inbidel xi haga?
> Xhud: Le, le prattikament l-ordni l-istess baqghet, ma nbidel xejn.
> Dr Massimo Vella: Jigifieri kienu jidhru fid-disinn originali?
> Xhud: Iva
> Dr Massimo Vella: Dawn il-famuzi plates li qed nghidu kien hemm xi avarija fihom, fil-kwantita' jew fid-daqs jew f'xi haga, mid-disinn originali?
> Xhud: No, no, no.
> Dr Massimo Vella: Jigifieri x'qeghdin tghidu dwarhom intom la ma kienx hemm avarija?
> Xhud: Li ma nistghux inhallsuhom jekk m'ghandhomx gustifikazzjoni valida fejn intuzaw."[20]

Ix-xhud jaghmel referenza ghal *steel plates* li gew installati fl-ufficcju ta' Reuben li huwa wiehed mid-diretturi tal-kumpanija Vassallo Builders. Ix-xhud jghid li huma m'ghandhom l-ebda problema li jhallsu dan l-ammont izda ghandha tinhareg fattura separata mill-progett tal-Ggantija Heritage Park ghaliex din hija xi haga kompletament separata. Ix-xhud jghid li però din il-fattura ghadhom ma rcievewhiex. Kwistjoni ohra li m'hemmx qbil fuqha hija t-trasport u x-xhud jghid li waqt li kien qieghed isir ix-xoghol, is-soċjetà attrici kienet tibghat ix-xoghol mill-Italja u kien tard skont il-programm tax-xoghol, jghid li kien hemm konsenja partikolari li kien baghatha wara l-konsenja li kienu ftehmu fuqha u minhabba f'hekk is-socjetà attrici qieghda

[20] Pagni 321 – 322 tal-process.

titlob il-hlas żejjed ta' erbat elef ewro (€4,000). Skont ix-xhud li kellu jsir kien li l-konsenja kellha tintbaghat fi grupp wiehed. Rigwardanti l-akkomodazzjoni, ix-xhud jirreferi ghall-ittra ta' accettazjoni fejn kien hemm b'mod car li l-ispejjez tal-akkomodazzjoni mhux parti mir-responsabbiltà tieghu però darba fost l-ohrajn huwa ghamel talba ghal hlas ta' hames mitt ewro (€500) ghall-akkomodazzjoni. Ix-xhud jispecifika li kienet is-soċjetà Vassallo Builders li hadet hsieb l-akkomodazzjoni tal-haddiema ta' Officine Bertazzon u liema akkomodazzjoni hallsitha is-soċjetà konvenuta. Din l-akkomodazzjoni eventwalment giet irkuprata mill-kont finali tieghu. Dwar hlas tal-material, xoghol u makkinarju provdut minn Vassallo Builders, ix-xhud spjega li kien hemm qbil li Vassallo Builders sejra tipprovdi l-makkinarju mehtieg ghal xahrejn izda minhabba li Bertazzon kien tard f'xoghlu u skadew ix-xahrejn, is-socjetà konvenuta zammet l-ispejjez li dahlet fihom hi ghall-uzu tal-makkinarju taghha mis-socjetà attrici.

Fil-21 t'April 2016 xehed **Pio Vassallo**, Direttur Manigerjali tas-socjetà konvenuta. Jispjega li l-prezz li kien gie maqbul kien jinkludi id-disinn, il-bini u l-installar tal-materjal kif ukoll it-trasport tal-istess materjal. Ix-xhud ikompli jghid li però skont is-socjeta attrici din kienet ghamlet vjagg addizzjonali u dan ghamlitu ghax kienet tard u biex "biex ilahhaq mal-programm kellu bilfors jaghmel hekk ghax kien qed iżomm ix-xoghlijiet on site u flok ghamel shipment wiehed, kellu jaghmel numru ta' shipments"[21] u issa s-socjeta attrici qieghda titlob hlas ghal dawn il-vjaggi zejda li saru. Ix-xhud gie mistoqsi dwar l-akkomodazzjoni u huwa spjega li Bertazzon kien talabhom jghinuh isibulu post fejn in-nies tieghu jistghu joqghodu. Jghid li fil-fatt huma kienu sabulhom post fejn joqghodu u "hallasniha bi ftehim mieghu ghal dawn in-nies u mbahad qtajnijulu mill-kont"[22]. Dwar dawn id-deduzzjonijiet li saru, ix-xhud jghid li dan sar qbil bit-telefown. Dwar l-akkomodazzjoni x-xhud jghid li l-qbil sar bejnu u bejn rapprezentant tas-socjetà attrici li però ma jiftakarx min kien.

[21] Pagna 331 tal-process.
[22] Pagna 332 tal-process.

Xehed il-**Perit Anton Muscat Scerri**, imsejjah mis-socjeta' attrici, li hadem mas-socjetà konvenuta minn Settembru 2011 sa' Awwissu 2014. Huwa jghid li kien il-perit li kien qieghed jissorvelja x-xoghlijiet li qieghed isir min-naha ta' Vassallo Builders. Jghid ukoll li huwa kien responsabbli sabiex jibghat it-*tender drawings* lis-socjeta attrici u dan ghamlu qabel beda x-xoghol sabiex ikunu jistghu jipprovdu stima tax-xoghol involut. Ix-xhud spega li dan kien pakkett ta' *design and build* u cioe min-naha taghhom is-socjetà attrici kellha tara kif ser tahdem l-istruttura u tipprovdi prezz ghall-fabbrikazzjoni tax-xoghol. Ix-xhud jinsisti li kienet responsabbiltà tas-socjetà attrici li tiddisinja l-istruttura. Ix-xhud jghid li huwa ma baghat l-ebda *drawing* iehor ghajr wara li l-istruttura giet mibnija u dan stante li din il-binja nbniet mill-*joint venture*. Jispjega li "it-tieni sett ta' drawings kien is-survey tal-binja kif inbniet, jigifieri l-construction tal-binja u d-diskrepanza bejn is-survey u t-tender drawings kienu t-tolleranzi tal-kostruzzjoni, jigifieri ma kienx hemm avarija, kienet neglibbli l-avarija"[23]. Ikompli jghid li "Bertazzon kellu jiddisinja l-istruttura tal-hadid fuq is-survey biex l-istruttura tal-hadid toqghod fuq il-binja li nbniet. It-tender drawings ma kienux jahsbu ghas-sub structure li kien hemm bzonn biex din l-istruttura tal-hadid tinbena fuq l-istruttura tal-gebel, allura peress li l-kuntratt kien design and build huma [Bertazzon] kellhom jahsbu ghal sub structure [...] biex il-pannelli tal-hadid kienu jistghu jehlu fuq il-binja tal-gebel."[24] Jispjega li t-tolleranza tal-kostruzzjoni kellha tiżdied u dan sabiex il-pannelli tal-hadid jehlu fuqu. Bertazzon kellhom jiddisinjaw is-*sub-structure* li kellha tehel taht il-pannelli. Jghid li minhabba l-hxuna tas-*sub-structure*, il-pannelli kellhom jikbru biex is-*sub-structure* u l-pannelli jkunu jistghu jehlu fuq il-binja. Il-Perit spjega li t-tender drawings kienu qeghdin juru biss il-kuncett ta' kif kellha tigi l-istruttura tal-hadid minghajr id-disinn strutturali.

Ix-xhieda tal-Perit Muscat Scerri kompliet fil-25 ta' Mejju 2017. Huwa jghid li fil-mori tad-differiment huwa qabad it-tpingija li kien hemm mat-tender[25] u ghamel super-imposizzjoni tat-tpingija tax-xoghol tal-bini bil-gebel li sar

[23] Pagna 415 tal-process.
[24] Pagni 415 – 416 tal-process.
[25] Li fil-process jinstab fil-pagna 281.

minn Rite-Mix Brothers u mhux mis-socjeta Officine Bertazzon. Minn dan l-ezami huwa rrizultalu li d-differenza bhala *area* hija ta' 1.15% u cioe l-*area* skont it-*tender drawing* kienet ta' 186.712 u kif mibnija l-*area* giet ta' 188.86. Ix-xhud jghid li kien hemm avarija izda ma kinitx avarija kbira fuq dik l-iskala ta' binja. Ix-xhud spjega li peress li l-inkarigu kien ta' *design and build*, dan "ma kienx hemm mahsub for any sub-structure li trid toqghod bejn il-cladding u l-binja. [...] il-cladding kien jigi wrapped eżatt mal-binja. Ma kienx hemm tolerancies allowed fit-tender biex jahsbu ghal any sub-structure li hemm bzonn biex twahhal il-cladding mal-binja. [...] minhabba li t-tender drawing ma kienx hemm mahsub ghall-cladding sub-structure, fil-construction trid tahseb ghaliha, u rrizulta li Bertazzon kellu jkabbar il-pannelli biex jiehu into consideration dik is-sub-structure li kellu bzonn hu, jigifieri li ddizinja hu u mmanifatturaha hu biex tehel il-cladding mal-binja."[26] Il-Perit ikkjarifika li d-disinn tal-cladding inkluz is-*sub-structure* kienet responsabiltà ta' Bertazzon u dan peress li l-ftehim kien wiehed ta' *design and build*. Ix-xhud ikkjarifika wkoll li fit-*tender* kien hemm *a schematic design of a sub-structure*, però is-socjetà attrici pproponiet disinn tal-*sub-structure* u sussegwentement minhabba din il-bidla fid-disinn il-*cladding panels* kellhom jikbru.

In kontro-ezami ix-xhud kjarifika li s-socjetà Officine Bertazzon kienet responsabbli sabiex tiddisinja l-istruttura biex il-*cladding* jaqbad mal-konkrit, dak li qieghed isejhilha *sub-structure*. Mistoqsi in kontro-ezami: "kien hemm avarija li fissret illi x-xoghol li kien ghamel Bertazzon kellu jitbiddel panel gdida, ghax dik ovvju ma tantx ghandna fejn nargumentaw tajjeb, u ghax giet mizjuda panel wahda, ghidt kont inti stess, u dawk kollha li semmejna kellhom bzonn jitkabbru, jitbiddlu, jitkabbru?"[27] U ix-xhud ikkonferma li kien hemm avarija ta' 1.04% bhala *volume meteric change*. Il-persentagg tal-*cladding* imbaghad zdied b'volum ta' 4%. Il-Perit spjega li l-*cladding* kellu jikber mhux minhabba l-bidla fl-istruttura tal-konkrit izda minhabba "t-tipologija ta' sub-structure li użaw, gifieri fit-tender drawing, kif digá ghidt

[26] Pagna 427 tal-process.
[27] Pagna 432 tal-process.

qabel, ma kienx hemm bizzejjed spazju bejn il-cladding u l-concrete biex jahdmu s-sub-structure biex iwahhlu wiehed mal-iehor. Allura minhabba f'hekk, il-cladding ta' barra kellu jikber biex jakkomoda s-sub-structure li kien hemm bzonn biex jitwahhal wiehed mal-iehor."[28] Kompla jispjega illi (a) s-*sub-structure* fid-disinn tat-tender ma kinitx specifikata hafna; (b) ma tantx kien hemm differenza fl-gholi fid-disinn tat-tender ghas-*sub-structure* tal-hadid u allura dehret baxxa hafna fid-disinn; u (c) il-kobor tal-*cladding* kellu jizdied minhabba li s-*sub-structure* kellha tikber mill-gholi.

***Dokumenti u korrispondenza elettronika***

Mill-atti jirriżultaw is-segwenti dokumenti u korrispondenza elettronika li huma ta' relevanza sabiex il-fatti jiġu determinati mill-aktar mod preċiż:

Fid-9 t'Awwissu 2012 sar qbil dwar ix-xoghlijiet li ghandhom isiru gewwa l-Ggantija Heritage Park, Ghawdex. Fost ohrajn gie maqbul li

> "2. The works shall be re-measured and valued against the rates and prices on the attached Bills of Quantities. The prices are fixed and shall not be subject to change, which are inclusive of, but not limited to:
>
> a. Travelling expenses
> b. Lodging expenses
> c. Living expenses
> d. Development of fabrication drawings
> e. Bolts, fittings and others ancillaries for a complete installation wherever the BOQ indicates an activity on a supply basis only
>
> 3. Payments shall be made as follows:
>
> a. 10% deposit payment of signing the Sub-Contract Agreement
> b. 10% of the materials being available in your stores
> c. 50% of the value of works being delivered to local port shall be remitted after 30 days from this date
> d. 20% contract sum after 30 days from completion date on site

[28] Pagna 442 tal-process.

e. 10% retention of the full sub-contract sum, which shall be retained for twelve months after completion and after any detective work/s (if any) had been made good to the satisfaction of the Project Architects / Engineers and the Employer."[29]

Ma' dan il-ftehim gie allegat lista tax-xoghlijiet li Officine Bertazzon kellhom jaghmlu, liema dokument jindika wkoll il-prezz b'mod individwali ghal kull oggett kif ukoll fejn gie miftiehem li s-somma hija wahda ta' *lump sum*. Wiehed mix-xoghlijiet li gie indikat bhala *lump sum* ghal valur ta' €146,035.54 huwa deskritt hekk: "*Design and Build, Cor-Ten Steel Cladding Cover over Interpretation Centre, inclusive of Supply, Design, Manufacture, Transport and Installation. Works to be designed on the same basis as shown on drawing, following pattern and shape. Contractor shall be responsible for all fitting panels, plates, bolts perforations, galvanizing and installation. All inclusive as per specifications and standards. Contractor is to present calculation, design and a detailed breakdown bill of quantities with his Tender. Full Ship Drawings will be requested before Constructions as per Contract."*[30]

Fl-atti hemm ukoll estratt mill-kuntratt tax-xoghlijiet[31] li jispecifika x'tip ta' materjal u kif ghandu jsir. Fost ohrajn dan il-kuntratt jipprovdi li "*Contractor should submit the full detail of the cladding system and its supporting structure complementing that illustrated in the drawings or propose an alternate supporting system which should be submitted at tendering stage. Moreover the Contractor must present the working/shop drawings and calculations of all elements of this cladding system for approval by the Engineer in charge and change the details and drawings as necessary at his own expense*."[32]

---

[29] Pagna 5 tal-process.
[30] Pagna 8 tal-process.
[31] Ma hux car jekk dan il-kuntratt huwiex il-kuntratt li gie iffirmat bejn Heritage Malta u l-konsorzju li minnhu taghmel parti s-socjeta konvenuta.
[32] Pagna 116 tal-process.

Fit-12 ta' Novembru 2012, il-Perit Anton Muscat talab lill-Inginier Christian Signorotto ghal numru ta' *plates* u *angles*. Fl-istess gurnata Fabio Gallina informa lil Anton Muscat li l-ispiza ghal *plates* sejra tkun ta' €9,700 u l-ispiza tal-*angles* sejra tkun ta' €2,720. Ghal din l-offerta Gallina talab konferma immedjata.[33]

Fis-27 ta' Frar 2013, il-Perit Anton Muscat baghat lill-Inginier Christian Signorotto isaqsi ghall-aggornament dwar xi xoghol u fl-istess korrispondenza staqsa jekk huwiex possibbli "*to produce stand-off clips for the rectangular downpipe (57x48mm), [...] in cor-ten? We can use a spacer between the pipe and the wall*"[34]. F'korrispondenza datata 26 ta' Marzu 2013 il-Perit Anton Muscat approva d-disinn tal-*brackets* li ghandhom jintuzaw u ordna 32 (4 ghal kull pipe). Ghal din ir-rikjesta, is-socjetà attrici bghatet l-offerta taghha fil-5 t'April 2013 fejn indikat li l-prezz ghal 8 *brackets* huwa ta' €250.[35]

B'korrispondenza elettronika tat-28 ta' Frar 2013, il-Perit Anton Muscat informa lill-Inginier Christian Signorotto li huwa kien qieghed jippozizzjona l-istruttura tal-*cladding* fuq il-binja tal-konkrit u hekk kif jirċievi konferma sejjer jibghatilu.

Jirrizulta li fil-21 ta' Marzu 2013, il-Perit Anton Muscat ghadda mudell 3D tal-binja lill-Inginier Christian Signorotto. Wara li kien hemm korrispondenza interna bejn Giovanni Furlan u l-imsemmi Inginier dwar id-diskrepanzi fil-mudell, l-Inginier fit-22 ta' Marzu 2013 baghat *email* lill-Perit isaqsih ghal aktar informazzjoni sabiex ikunu ċerti li *superimposition* kienet maghmula b'mod korrett. Fit-2 t'April 2013, il-Perit Muscat baghat "*the revised IC cladding structure and a new building modell. The cladding has been enlarged by a scale facotr of 1.04 and some panels have been modified to suit the building.*"[36] Fil-5 t'April il-Perit Muscat informa lill-Inginier Signorotto

[33] Ma gietx ipprezentata risposta, jekk kien hemm wahda.
[34] Pagna 41 tal-process.
[35] F'pagna 155 tal-process hemm miktub bl-idejn li din l-offerta giet accettata permezz tat-telefown.
[36] Pagna 354 tal-process.

li kien hemm bdil-fid-daqs tal-pannelli, li kien hemm bdil fid-disinn ta' numru ta' pannelli u li kellu jiżdied pannell gdid. Aktar tard mal-gurnata l-Perit Muscat ikkonferma li "*IC clading drawings can be scaled by 1.04*"[37]. Fl-istess korrispondenza, talab ghal tpingijiet godda tal-pannell li bidlu l-forma taghhom.

B'ittra tad-9 t'April 2013, Studio F informa lis-socjeta attrici li l-progamm TEKLA m'ghandux l-ghazla li jżid l-istruttura b'4% u li ghalhekk il-mudell ghandu jerga jigi imdahhal fil-programm mill-bidu. Jinfurmawhom ukoll li t-trijangoli kollha tal-wicc maghmul b'TECNOMETAL jistghu jiżdiedu b'4%. L-ispiza sabiex ikun hemm tfassil mill-gdid tal-mudell b'estrazzjoni l-gdida tat-triangulu hija ta' €3,800 u sabiex it-triangoli jitkabbru l-ispiza hija ta' €4,000.

Korrispondenza elettronika ohra bejn Fabio Gallina u Pio Vassallo datata 29 ta' Mejju 2013 taghti informazzjoni dwar il-kwistjoni taz-zieda fil-prezz ghall-*cladding*. Inghad li l-bdil fit-tpingijiet u *workshop documents* kien ser jammonta ghal €8,400 filwaqt li z-zieda tal-materjal, u z-zieda tax-xoghol fuq il-metall u fuq il-post kien ta' €10,200.[38] Pio Vassallo f'korrispondenza datata 11 ta' Lulju 2013 informa lil Fabrizio Bertazzon bis-segwenti:

> "We had a lengthy meeting with Christian where we discussed your claims. As I told you before I think that these claims are exaggerated in the light of our agreement to design and build this structure at a pre agreed sum. We made the decision to increase the structure lightly at a time when the design was not complete and both Anton and Ruben (both structural engineers) were of the opinion that the calculations (which Christian admitted were not complete ) did not have to be redone from the beginning. We agreed with Christian however that he had to substantiate the claim in further detail in relation to the contract price with supporting documents to be able to forward to the client."[39]

[37] Pagna 356 tal-process.
[38] Pagna 47 tal-process.
[39] Pagna 50 tal-process.

Korrispondenza ohra ta' relevanza hija dik mibghut fil-5 t'Awwissu 2013 bejn Fabio Gallina u Pio Vassallo fejn fiha qieghed jigi provdut tqassim tal-ispejjez rigwardanti l-*cladding* u cioe apparti €8,400 imsemmija fil-korrispondenza tad-29 ta' Mejju 2013, gie spjegat li l-prezz tal-materjali ghal bidliet maghmula huwa ta' €950, xoghol fil-*workshop* jammonta ghal €2,600, l-istess ghal xoghol fuq il-post (cioe €2,600 ohra) u trasport tal-materjal jammonta ghal €4,000.

Fid-19 ta' Dicembru 2013 intbaghtet korrispondenza elettronika bejn Fabio Gallina u Pio Vassallo fejn fiha qieghed jigi precizat fejn mhux qeghdin jaqblu fuq l-ammont dovut. Din il-Qorti sejra telenka l-affarijiet li jirrizulta li ghadhom pendenti bejn il-partijiet:

a. "in your table is mis-sing the Price for fixing brackets of downpipes: this isn't included in the contract; material have been requested by your Perit Anton Muscat by mail on February 27th, and the sum is 250,00€;
b. Payment of [...]19.200,00 € of extra cost due to increasing of dimension of cladding, are still missing.
c. For our work number C 7084 is missing the payment of 790,00 € which refer to additional 4 steel plates dim. 15x10x2000, and supply and welding of brackets on L shaped steel plates. Is also missing the cost of shipping for this material (1590,00€).
d. Is missing the payment of 4000,00 € of transport from Italy to Malta our jobs 7282+7299+7304"[40]

F'din l-istess korrispondenza hemm qbil li €500 ghall-akkomodazzjoni kellha titnaqqas.[41] Però m'hemmx qbil li s-somma ta' €11,420.84 kellha titnaqqas u dan ghaliex il-makkinarju mehtieg dejjem kien a spejjez ta' Vassallo.

[40] Pagna 12 tal-process.
[41] Prova tal-hlas tinstab f'pagna 330 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Is-soċjetà attriċi qiegħda tikkontendi li hu dovut lilha s-somma ta' €45,694.95 rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' subappalt ta' xogħol u materjal li hija fornit lis-soċjetà konvenuta in konnessjoni ma' progett ikkummissjonat lil din ta' l-ahhar minn Heritage Malta relatat ma' Ġgantija Heritage Park ġewwa Għawdex. Is-soċjetà konvenuta da parti tagħha ssostni li m'għandhiex tħallas dan l-ammont u dan għaliex l-ammont kollu li kien dovut minnha ġie fil-fatt mħallas. Tikkontendi li dan il-proġett kien ta' *design and build* u fejn il-prezz kien miftiehem bħala *lump sum*.

*Design and Build.*

Il-forma ta' kuntratt ta' appalt illi jobbliga lill-kuntrattur jipprovdi kemm disinn kif ukoll appalt tissejjaħ *Design and Build*. *Design and build* hija terminoloġija użata fi proċeduri ta' *procurement* prinċiparjament fl-industrija tal-bini. Dan ifisser li kull minn sejjer jagħmel offerta u eventwalment jintgħażel għandu jieħu ħsieb jiddisinja u jibni l-oġġett mitlub. Jista' jagħti l-każ fejn l-offerent ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu dak li jissejjaħ *concept design*. Fil-każ odjern, l-Aġenzija Heritage Malta ħarġet sejħa għal offerti sabiex isir xogħol ta' disinn u appalt fis-sit storiku Ġgantija ġewwa Għawdex. Mill-atti irriżulta li f'dan il-każ kien hemm *concept design* imħejji minn Heritage Malta. Il-kuntratt ingħata lis-soċjetà konvenuta u din tal-aħħar sussegwentement inkarigat bħala sub-appaltatur lis-soċjetà attriċi. Skont is-soċjetà konvenuta l-ħlas għal dan ix-xogħol kellu jkun *lump sum* u ċioe li l-ammont indikat fis-sub appalt ikopri kollox. Din fil-fatt hija d-difiża prinċipali tas-soċjetà konvenuta.

***Omnis Labor Optat Premium*.**

Huwa prinċipju ġurisprudenzjali stabbilit tax-xogħol li wieħed tqabbad jagħmel għandu jitħallas. Dan jingħad a bażi tal-prinċipju *omnis labor optat premium*, jiġifieri min jagħti xi servizz għandu dritt li jkun ikkumpensat għax-xogħol li jagħmel. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-

sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu 2010, fl-ismijiet **Nicky Saliba vs. Kunsill Lokali tan-Nadur** (App Ċiv 111/2003):

> "Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni [...]"

Hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni tal-appalt ta' bejniethom. Appena huwa neċessarju jingħad illi l-apprezzament tal-provi huwa regolat mill-prinċipju kardinali *actori incumbit onus probandi* u mill-prinċipju daqstant ieħor fundamentali fi proċess ġudizzjarju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat.*

Għaldaqsant hu l-oneru tas-socjetà attriċi li tressaq il-prova tal-inkarigu/appalt lilha mogħti mis-soċjeta' konvenuta; tax-xogħol minnha magħmul fit-termini tal-appalt; tal-prezz miftiehem kif ukoll ta' xogħol ieħor addizzjonali li ma jaqax fix-xibka tal-prezz miftiehem fl-appalt.

Jirriżulta mill-provdi mressqa miż-żewġ partijiet illi s-soċjetà konvenuta għamlet xi varjazzjonijiet fid-disinn oriġinali mħejji mis-soċjetà attriċi u b'konsegwenza ta' hekk il-valur tax-xogħol varja.

Sabiex tkun f'qagħda tikkwantifika dak l-ammont verament dovut mis-socjetà konvenuta, il-Qorti innominat lil Perit Tekniku Adrian Falzon sabiex jassistiha.

Fir-rapport dettaljat tiegħu l-**Perit Tekniku Adrian Falzon** spjega kif wasal għall-ammont dovut li a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tagħmel ampja referenza għar-rapport tekniku li għandu jiġi meqjus bħala parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tislet is-segwenti konkluzzjonijiet mir-rapport tekniku:-

1. Id-disinn kellu jsir mis-soċjetà attriċi qabel ma ġie miftiehem il-prezz bejn il-partijiet.[42]

2. Il-Perit josserva li fl-ittra t'aċċettazzjoni ma hemm l-ebda referenza għar-responsabiltà tal-koordinament tad-disinn u tal-kostruzzjoni bejn ix-xogħol tal-ħadid u dak tal-konkos u għalhekk f'każ bħal dan ir-responsabiltà tibqa' f'idejn il-kuntrattur prinċipali.

3. Il-Perit Tekniku josserva li "l-ammont mitlub ta' xogħol miżjud fi *cladding* huwa ta' €7,301.78 li huwa 5% tal-prezz oriġinali ta' €146,035.54. Ġaladarba l-ammont korrett taż-żieda hi dik ta' 4% din il-figura għandha tiġi €5,841.42."[43]

4. Il-Perit għamel referenza għall-ittra li bagħtet Studio F lis-soċjetà attriċi fejn ġie indikat li x-xogħol għad-disinn u analiżi tal-istruttura min-naħa tagħha kien ser jiswa €7,800, huwa għalhekk li din is-somma li għandha tiġi meħuda in konsiderazzjoni. Jgħid li s-somma ta' €600[44] għax-xogħol intern għas-soċjetà attriċi huma nkorporati fis-somma ta' €5,841.42 su-indikata. Ikompli jgħid li fir-rigward "għat-talba għal materjal u l-ħin tal-*workshop* li għandhom ikunu koperti biż-żieda tal-prezz prorata fuq 4% miżjud sabiex l-ammont dovut għandu jammonta għal [...] €15,000"[45].

5. Rigward il-*brackets* il-Perit Tekniku jinnota li s-somma ta' €250 hija dovuta u dan peress li ma kienux mniżżla fis-*supply items only* relatati mal-pajpijiet infushom.

6. Dwar il-*plates* il-Perit jgħid li l-valur tagħhom kien ta' €790 u ntalab €1590 għat-trasport tagħhom. Josserva li dawn il-*plates* intbagħtu Malta ma oġġetti oħra[46] u għalhekk l-ispejjeż tat-trasport kellu jiġi diviż prorata u "dan ifisser li fuq dawn il-*plates* kien hemm porzjon ta' €357.86 għat-trasport".[47] 7.

[42] Pagna 473 tal-process.
[43] Pagna 474 tal-process.
[44] Id-differenza bejn €8,400 li qieghda titlob is-socjeta attrici u €7,800 indikat mis-socjeta Studio F.
[45] Pagna 475 tal-process.
[46] B'referenza ghal pagna 59 tal-process.
[47] Pagna 475 tal-process.

Dwar is-somma ta’ €4,000 għat-trasport, il-Perit Tekniku jgħid li dawn huma ġustifikati.

8. Il-Perit Tekniku ikkonsidra wkoll is-somma ta’ €11,420.84 rappreżentanti l-ħlas għal użu ta’ makkinarju, trasport u tindif liema għandhom jitnaqqsu skont is-soċjetà attriċi. Il-Perit jagħmel elenku ta’ dak li qiegħda titlob is-soċjetà konvenuta u elenku b’mod separat ta’ x’verament jikkonsidra li hu:-

| | It-tnaqqis mitlub mis-soċjetà konvenuta | Skont il-Perit Tekniku |
|---|---|---|
| *Generator* u fjuwil | €4,040 | Mhux dovut |
| *Crane* | €650 | Mhux dovut |
| Materjal u xogħol relatat mal-IPE200 | €5,829.25 | €5,829.25 |
| Trasport | €3,186.59 | Mhux dovut |
| *Cherry picker* | €1,680 | €1,680 |
| Tindif | €480 | €480 |
| Xogħol biex jiġu aggisturati xi livelli | €480 | €480 |
| Akkomodazzjoni ġewwa Għawdex | | €500 |

Dwar il-*crane*, il-Perit josserva li dan kellu jiġi pprovdut mill-kuntrattur prinċipali, l-istess il-*generator* jew l-elettriku u dan sakemm mhux speċifikat mod ieħor fil-kuntratt. Rigwardanti t-trasport, il-Perit jgħid li l-prassi kienet li t-trasport ġewwa Malta kellu jieħu ħsiebu l-kuntrattur prinċipali. Jgħid li l-ispejjeż tac-*cherry picker* għandhom jitħallsu mis-socjetà attriċi għaliex dawn ma ġewx inklużi fl-ittra t’aċċettazzjoni. Dwar it-tindif, il-Perit Falzon josserva li l-ittra t’aċċettazzjoni speċifikat li t-tindif għandu jsir mis-soċjetà Officine Bertazzon u għalhekk jekk dan ma sarx għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li weħlet is-soċjetà konvenuta. Dwar ix-xogħol ta’ livelli, il-

Perit jgħid li r-responsabbiltà tibqa f'idejn il-kuntrattur prinċipali li kellu l-obbligu ta' *quality assurance*. L-ammont dovut lis-soċjetà konvenut kellu jkun ta' €8,469.25. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi għanda d-dritt tkun rimborżata fis-somma ta' €2,451.59[48].

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Perit wasal għal konklużjoni li s-segwenti ammonti huma dovuti lis-soċjeta attriċi:

| | |
|---|---|
| Ammont miżmum (*retention*) | €792.33 |
| *Brackets* ghal pajpijiet tax-xita | €250 |
| Ammont ta' xogħol miżjud fil-cladding b'4% (fuq il-prezz oriġinali ta' €146,035.54) | €5,841.42 |
| Spejjeż miżjuda ikkaġunati miż-żieda tal-*cladding* | €15,000 |
| 4 *Steel Plates* 15x10x2000 bit-trasport | €1,147.86[49] |
| *Steel Plates* għall-uffiċċju ta' Ruben Vassallo | €350 |
| Trasport addizzjonali | €4,000 |
| Spejjeż miżmuma mis-soċjetà konvenuta mitluba lura | €2,451.59 |
| Total | **€29,833.20** |

Ikkunsidrat ;

Hekk meqjusa l-ammonti dovuti skont il-Perit Tekniku, jeħtieġ tiġi meqjusa x'inhi l-fehma tal-Perit Tekniku dwar it-terminu *Lump Sum*:

> "Lump Sum fil-kuntest ta' *bill of quantities* ta' *tender* jindika li *item* partikolari mhux ser jitkejjel imma ser ikun hemm prezz uniku li jkopri id-deskrizzjoni ta' din l-*item*. Dan ma jfissirx awtomatikament li dan it-terminu hekk użat jindika li l-prezz ta' dan l-*item* għandu jkopri kwalinka spejjeż relatati miegħu jew varjazzjonijiet fid-daqs. Jekk mhux fl-isfond ta' kuntratt li huwa ċar li qed jiġi adottat il-prinċipju tal-*lump sum* dan jiddependi fuq kemm tkun komprensiva id-deskrizzjoni tal-*item* fil-BOQ.

48 €11,420.84 - €8,969.25.

49 €790 + €357.86.

Dejjem jekk mhux parti minn kuntratt li huwa ċar li hu *lump sum*, meta jingħaqdu il-prinċipji ta' *design and build* u *lump sum* fl-istess *item* tal-BOQ, wieħed ikollu l-obbligu li l-ewwel jara x'hemm bżonn għall-istruttura u dak kollu deskritt u wara joħroġ il-prezz komprensiv u fiss biex dan jiġi ipprovdut. Per eżempju, wieħed ma jistax jinduna li dak maħsub mhux b'saħħtu biżżejjed u wara jagħmel *claim* għal aktar flus biex tissaħħaħ l-istruttura. Iżda jekk speċjalment fil-kuntest ta' subappalt, għal raġuni li ma tkunx fir-responsabbiltà tal-kuntrattur, ikun hemm bżonn xi haġa li ma ġietx deskritta jew xi tibdil, dan għandu id-dritt jitlob għal spejjeż li ma setgħux kienu magħrufa meta ingħata il-prezz. Jista' jkun, u din tigri kemm-il darba li minħabba żball ta' kuntrattur ieħor, ikun hemm bżonn li x-xogħol ta' subappaltatur ikollu jiġi mibdul. F'dan il-kas jista' jiġri li s-subappaltatur ikollu dritt għal aktar ħlas biex jagħmel tajjeb għal dan it-tibdil. Però, il-kuntrattur prinċipali ma jkunx jista' jagħmel l-istess mal-kommittent. F'dan l-isfond, il-prinċipju ta' pagament *back to back*, jew li subappaltatur jitħallas meta jitħallas il-kuntrattur prinċipali ma treġix jekk mhux bi ftehim ċar minn qabel. Fi kwalunkwe każ, hija dejjem ir-responsabiltà tal-kuntrattur prinċipali biex jamministra it-talbiet għal varjazzjonijiet tal-kuntratt oriġinali mal-kommittent."[50]

In segwietu għal dan jeħtieġ jiġi mistħarreġ dak li sar qbil fuqu bejn il-partijiet. B'referenza għal qbil dwar ix-xogħlijiet datat id-9 t'Awwissu 2012, jidher li fost oħrajn ġie maqbul li :-

"2. The works shall be re-measured and valued against the rates and prices on the attached Bills of Quantities. The prices are fixed and shall not be subject to change [...]"

Filwaqt li f'nifs qiegħed jingħad li għandu jerġa jkun hemm il-kejl tax-xogħol u valutat kontra r-rati u l-prezzijiet fuq il-*Bill of Quantities*, f'nifs ieħor qiegħed jingħad li l-prezzijiet huma fissi u ma jistgħux jinbidlu. Din għandha

[50] Paġna 472 tal-proċess.

tinftiehem li jerġgħu jiġu mkejla l-kwantitajiet tax-xogħol b'kundizzjoni li r-rati u l-prezzijiet (mhux it-total globali) ma jinbidlux jew għandha tinftiehem li l-prezzijiet kellhom jibqgħu fissi iżda jsir magħruf eżatt x'sar u ma sarx? Din il-Qorti hija tal-fehma li l-interpretazzjoni l-aktar plawsibbli hi dik ta' l-ewwel fejn il-partijiet qablu li r-rati tax-xogħol għandhom jibqgħu fissi (għal grazzja tal-argument jekk is-soċjetà attriċi indikat li kull siegħa ta' xogħol ħa tkun qiegħda titlob ħlas ta' €50, din ir-rata għandha tapplika anke għas-siegħat żejda li ma ħasbitx għalihom is-soċjetà konvenuta), u l-istess prezzijiet (għal grazzja tal-argument jekk *steel plate* kienet tiswa €100, l-*isteel plates* li ma kienux maħsuba fid-disinn għandhom ikunu wkoll €100, irrispettivament jekk il-prezz tagħhom setgħax għola maż-żmien). Li hu żgur però huwa li fl-appalt ma kien hemm l-ebda referenza espliċita għal prezz *lump sum* u lanqas ma jissemma li s-soċjetà attriċi hija obbligata tieħu r-riskju inerenti mal-kunċett ta' *lump sum*.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tikkonkludi li s-soċjetà attriċi għandha jedd titlob għall-ħlas ġaladarba li x-xogħol tagħha żdied wara li ingħata l-prezz u ġaladarba wkoll li ż-żieda fl-ispiża ma kinitx riżultat ta' xi ħaġa li kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha jew riżultat ta' xi nuqqas tagħha.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tabbraċja il-konklużżjonijiet peritali tal-Perit Tekniku rigwardanti l-kalkolu tal-ħlas li għadu dovut mis-soċjetà konvenuta, però sejra tagħmel xi varjazzjonijiet fl-ammont dovut u dan fir-rigward tas-segwenti:

a. il-Perit Tekniku naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt li s-soċjetà konvenuta diġà ħallset is-somma ta' €7,301.77 għal *cladding* u għalhekk dan l-ammont għandu jiġi ridott mis-somma dovuta;
b. l-ammont miżmum ingħata kollu lura lis-soċjetà attriċi fit-3 ta' Frar 2016 u dan kif ikkonfermat minn Neville Calleja u mhux ikkontestat mis-soċjetà attriċi u għalhekk l-ammont ta' €792.33 m'huwiex dovut;

c. Kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-*steel plate* li qiegħed jintalab il-ħlas tiegħu ġie użat għall-uffiċċju ta' Reuben Vassallo u għalhekk is-somma ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) m'għandhiex tifforma parti mit-talba għall-ħlas odjern peress li t-talba odjerna tikkonċerna biss il-proġett tal-Ġgantija Għawdex;

d. Taħt il-kappa 'spejjeż miżmuma mis-soċjetà konvenuta mitluba lura' il-Perit Tekniku żied is-somma ta' €500, però din il-Qorti tinnota li l-partijiet qablu li s-somma ta' €500 għall-akkomodazzjoni kellha titħallas mis-soċjetà attriċi u għalhekk għandha titnaqqas mill-ammont dovut u għalhekk l-ammont dovut taħt din il-kappa issa huwa ta' €1,951.59.

Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi illi l-ammont attwalment dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi huwa ta' €20,889.10 skond il-lista' segwenti:

| | |
|---|---|
| *Brackets* għal pajpijiet tax-xita | €250 |
| Ammont ta' xogħol miżjud fil-cladding b'4% (fuq il-prezz oriġinali ta' €146,035.54) | (- €1,460.35)[51] |
| Spejjeż miżjuda ikkaġunati miż-żieda tal-*cladding* | €15,000 |
| 4 *Steel Plates* 15x10x2000 bit-trasport | €1,147.86 |
| Trasport addizzjonali | €4,000 |
| Spejjeż miżmuma mis-soċjetà konvenuta mitluba lura | €1,951.59 |
| Total | **€20,889.10** |

**Spejjeż Ġudizzjarji.**

Tenut kont ir-rebħ u t-telf rispettiv tal-partijiet il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ispejjeż tal-perizja teknika jitħallsu in kwantu għal nofs mis-soċjeta' attriċi u in kwantu għal nofs l-ieħor mis-soċjeta' konvenuta. Mill-bqija kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

[51] €5,841.42 - €7,301.77.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi prevja li qed tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż:-

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi limitatament għas-somma ta' għoxrin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u għaxar ċenteżmi (€20,889.10);

2. Tilqa in parte t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma imsemmija ta' għoxrin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u għaxar ċenteżmi (€20,889.10) flimkien mal-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' April 2014[52] sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont ir-rebħ u t-telf rispettiv tal-partijiet, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ispejjeż tal-perizja teknika jiġu sopportati in kwantu għal nofs mis-soċjeta' attriċi u in kwantu għal nofs l-ieħor mis-soċjeta' konvenuta. Mill-bqija kull parti tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
25 ta' Frar 2021

[52] Id-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat lis-soċjetà konvenuta.

**Ruth Camilleri**

**Deputat Reġistratur**